# Bażilika ProtoParrokkjali San Ġorġ Martri

**L-Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex** | **t:** 2155 6377 | **e:** info@sangorg.org | **L-Arċipriet • m:** 7920 4434 | **e:** archprieststgeorge@gmail.com
**w:** www.stgeorge.org.mt | **fb:** www.facebook.com/SanGorg | **live streaming:** www.youtube.com/StGeorgesBasilica | **RADJU** *Leħen il-Belt Victoria* [104.00MHz FM Stereo] | **t:** 2156 5207


## GĦAX NAGĦMLU HEKK? *Il-ġesti tal-Kristjan (1)*

IL-KELMA TAL-ARĊIPRIET



Kull meta nagħmlu xi ħaġa, jew anki jekk inkunu nitkellmu, permezz tal-ġisem tagħna nieħdu pożizzjonijiet differenti li juru u jenfasizzaw anki permezz ta' ġisimna dak li nkunu nagħmlu jew ngħidu. Anki l-ġesti fit-talb qegħdin hemm biex isostnu t-talb tagħna. Il-ġesti huma mezz ta' komunikazzjoni.

**BILWIEQFA**
Din hi l-pożizzjoni tal-bniedem li permezz tal-Qawmien ta' Kristu ġie mqajjem mill-imwiet. Allura li titlob bilwieqfa juri minn barra li aħna nies fuq saqajna, lesti biex nixhdu b'għemilna li Kristu verament qam mill-mewt. Il-bniedem wieqaf hu sod u lest għall-azzjoni. Marija wieqfa taħt is-salib turi dan b'mod ċar.

Xħin inqumu bilwieqfa għall-Vanġelu nuru li mhux se nisimgħu qari kwalunkwe, imma qegħdin miġbura madwar Kristu stess li qed jitkellem. Xħin nersqu biex bilwieqfa nirċievu l-ġisem ta' Kristu, inkunu qed nuru li hu jagħtina l-qawwa biex bħala qaddejja nimxu bil-ferħ warajh.

*Kemm drabi waqt il-quddiesa nkunu qisna Nsara bla ħeġġa u għajjenin! Malli nisimgħu "Bi Kristu Sidna", naqgħu bilqiegħda, u meta suppost inqumu, qisna nagħmluh bi sforz u b'telqa.*

***Il-Kristjan hu midneb meħlus minn Kristu li reġa' qajmu fuq saqajh.***

## IL-QUDDIESA MFISSRA



**Mill-ewwel Ħadd ta' Jannar, fil-Quddiesa tal-10am bdejna mal-familji u t-tfal it-tifsira tal-Quddiesa biċċa biċċa. Sa issa fissirna r-Riti tal-Bidu, li jinkludu l-Purċissjoni tad-Dħul, it-Tislima taċ-Ċelebrant, l-Att Penitenzjali u l-Glorja. F'dan il-Ħadd inkomplu bil-Kolletta, it-talba sabiħa li ddaħħalna fil-Liturġija tal-Kelma. Ma nagħmlux ħażin jekk nagħmlu sforz iktar mis-soltu biex waqt il-Quddiesa noqogħdu attenti għall-ġesti u l-kliem li jingħadu f'dawn il-mumenti ta' din l-ikbar talba li biha titlob il-Knisja.**



Għal dawk li l-envelop tagħhom tal-**Istrina lill-Parroċċa** għadhom ma wassluhx fl-Uffiċċju Parrokkjali, nagħmlulkom l-aħħar appell biex tagħmlu l-offerta tagħkom, żgħira kemm hi żgħira. Grazzi tal-ġenerożità tagħkom!

**KRONAKA**

**08-01-2019** Saret il-Magħmudija ta' BENJAMIN, bin Mark Coleman u Anita Portelli.

**17-01-2019** Nitolbu għal ruħ ĠUŻEPPI SCICLUNA li miet fl-età ta' 92 sena.



Nhar il-Hadd li ġej il-Madonna Ta' Pinu se terġa' tasal lura fis-Santwarju tagħha wara li daret il-parroċċi kollha. Se jsir Pellegrinaġġ li jakkumpanja d-dħul tal-Madonna lura fis-Santwarju Ta' Pinu. Inħeġġukom tattendu. Fl-4.30pm jibda l-pellegrinaġġ minn ħdejn is-Siġra (il-Monument tal-Pellegrin) sas-Santwarju, u wara, Quddiesa minn Mons. Isqof. Dawk minnkom li għandhom bżonn trasport jinkitbu fl-Uffiċċju Parrokkjali. Hu sabiħ li nerġgħu niftakru fil-mumenti sbieħ li għexna fil-parroċċa tagħna billi nkunu preżenti għal dan il-mument ta' talb.

**INTENZJONIJIET TAL-QUDDIES**

| | |
|---|---|
| 27-01-2019 | Ġużeppi u Carmena Cassar |
| 28-01-2019 | Il-Familja Zammit Cremona |
| 29-01-2019 | Carmelo Xuereb |
| 31-01-2019 | Ġorġa u l-Familja Farrugia |
| 31-01-2019 | Marċell Farrugia |
| 01-02-2019 | Carmelo Colerio |
| 02-02-2019 | Il-Familja Gauci |

**AGĦTIHOM, O MULEJ, IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM**